Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

30 ta' Ġunju 2011

**Is-Sitta u Ħamsin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2011 fis-7.30 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Mozzjoni – Konvenju dwar l-akkwist ta' fond Nru. 4, Triq il-Madonna ta' Fatima
6. Mozzjoni – Kuntratt dwar il-*Floodlighting* fi Triq l-Inkurunazzjoni u Triq Erwieħ
7. Mozzjoni – Kuntratt dwar it-Tisbiħ ta' *Soft Area* li tmiss ma' Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida
8. Mozzjoni – Kuntratt dwar Titjib u Tisbiħ fl-Areas bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu
9. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2010
10. Mozzjoni dwar l-introduzzjoni ta' arranġamenti ġodda tat-traffiku fit-toroq ewlenin

Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONIJIET

*Item* **Nru. 5**

"Billi fis-seduta Nru. 48 tal-1 ta' Frar 2010 il-Kunsill kien awtorizza n-negozjar dwar l-akkwist tal-fond Nru. 4, fi Triq il-Madonna ta' Fatima bil-għan li jirrendi l-uffiċċju amministrattiv aktar funzjonabbli u flessibbli għaliex teżisti l-possibilta` li jitniffed mal-uffiċċju attwali f'Nru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida;

Billi skont evalwazzjoni li saret mill-Perit Joseph Attard ġie rrakkomandat li x-xiri tal-fond imsemmija hija l-aktar għażla rakkomandabbli, partikularment minħabba li dan imiss mal-uffiċċju eżistenti, u għalhekk jiġu evitati problemi ta' organizzazzjoni;

Billi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali awtorizza l-eżenzjoni mill-proċedura stabbilita fir-Regolamenti dwar l-Offerti (Avviż Legali 255 tal-2009) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005), sabiex isiru negozjati direttament mas-sidien tal-istess fond, mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa għall-offerti, minħabba li huwa appoġġjat mal-bini tal-uffiċċju attwali, liema eżenzjoni ingħatat permezz ta' żewġ *e-mails* datati 15 ta' Marzu u 3 ta' Settembru 2010; u

Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2011 u fil-Pjan ta' Ħidma 2011-2013 ġew ivvutati fondi biżżejjed sabiex ikopru dan l-akkwist bil-prezz miftiehem ta' €210,000, flimkien mat-taxxa dovuta fuq it-trasferiment;

Il-Kunsill jawtorizza l-iffirmar tal-konvenju u sussegwentement il-kuntratt relattiv, wara li jsiru r-riċerki u jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa, inklużi dawk tal-MEPA u tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.". (K/1/2/Vol V)

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar – Sindku | Emvin Bartolo – Viċi Sindku |
| **Proponent** | **Sekondant** |

*Item* **Nru. 6**

"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 1/2011), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex jiġi fornut tagħmir relatat mal-*floodlighting* ta' Triq l-Erwieħ and Triq l-Inkurunazzjoni;

Billi nkiseb il-kunsens tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex il-*floodlights* eżistenti jiġu devoluti lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bil-għan li t-tagħmir kopert bis-sejħa msemmija jintuża ħalli titjieb id-distribuzzjoni tad-dwal fl-imsemmija toroq u fuq il-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa skont disinn tal-Inginiera Galea & Curmi Engineering Consultants;

Billi t-*Tender Adjudication Board* evalwa l-ħames offerti li saru u ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu favur l-għoti tal-kuntratt lill-offerent Mica Med Ltd, skond il-minuti tas-27 ta' Ġunju 2011; u

Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2011 ġew ivvutati fondi biżżejjed sabiex ikopru l-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir in kwistjoni;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent imsemmi sabiex jiġi fornut it-tagħmir skond l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.".

(P/4/14)

| | |
|---|---|
| Patrick Cutajar (Kunsillier) | Clayton Bartolo (Kunsillier) |
| **Proponent** | **Sekondant** |

***Item* Nru. 7**

"Billi saret sejħa għall-offerti (2/2011), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex isir il-*Landscaping* ta' Art li tinsab bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida;

Billi l-proġett, huwa kopert bil-permess tal-Awtorita` Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll ġiet ivvutata s-somma fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011 sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett matul l-istess sena; u

Billi t-*Tender Adjudication Board* irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lill-uniku offerent - Homeworxs Plus Ltd - bir-rati stipulati fid-dokument ta' l-offerta;

Jirriżolvi li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Homeworxs Plus Ltd bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt relattiv.". (P/4/6/Vol III)

Hilary Fenech (Kunsillier) John Buttigieg (Kunsillier)
**Proponent** **Sekondant**

***Item* Nru. 8**

"Billi saret sejħa għall-offerti (3/2011), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni u titjib fl-ispazji bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu;

Billi dawn ix-xogħlijiet ma' kinux fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2011, iżda kkwalifikaw għal finanzjament taħt l-Iskema Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern mħaddma mill-Awtorita` tad-Djar; u

Billi t-*Tender Adjudication Board* irrakkomanda li l-kuntratt jingħata lill-uniku offerent - Homeworxs Plus Ltd - bir-rati stipulati fid-dokument ta' l-offerta;

Jirriżolvi li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-uniku offerent - Homeworxs Plus Ltd - bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt relattiv.". (B/7)

Robert Cutajar (Sindku) Joseph Azzopardi (Kunsillier)
**Proponent** **Sekondant**

***Item* 10**

"Billi l-Kunsill ilu għaddej għal diversi xhur bi proċess ta' konsultazzjoni li kien jinvolvi: il-komunita` kummerċjali; il-*General Retailers` and Traders Union*; il-*Malta Hotels and Restaurants Association,* il-Ministeru responsabbli mit-Trasport, Arriva Malta Ltd u r-residenti tal-lokalita` in ġenerali; u

Billi l-Kunsill ikkummissjona *survey* li nvolva erba' mitt familja, li kien jittratta t-traffiku fost aspetti oħra, kif ukoll saru *traffic counts* fi Triq Ġnien Ingraw u Triq Ġorġ Borg Olivier u toroq oħra;

Il-Kunsill jirriżolvi li Transport Malta għandha tintalab tikkonsidra l-introduzzjoni għal żmien ta' prova fuq perjodu ta' erba' xhur, l-arranġamenti segwenti:

(a) jitwaħħlu tabelli qabel ir-*roundabout* ta' Triq il-Marfa k/m Dawret il-Mellieħa, li permezz tagħhom tingħata ndikazzjoni lis-sewwieqa illi l-*bypass* toffri passaġġ eħfef u aktar mgħaġġel;

(b) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier – li attwalment huma *two-way* – sabiex it-traffiku jkun jista' jinżel biss, ħlief għall-karozzi tal-linja li jkunu jistgħu jinstaqu fiż-żewġ direzzjonijiet. L-istess restrizzjoni tkun effettiva fi Triq il-Kbira bejn Triq Tas-Salib u Triq Sant' Anna, u fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Triq San Publiju. Għandu jinżamm kuntatt kontinwu mal-Ministeru responsabbli mit-Trasport u Arriva Malta Ltd bil-għan li jiġi evitat is-sewqan ta' karozzi tal-linja għat-telgħa fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bil-għan li tonqos il-konġestjoni u t-tniġġiż fl-imsemmija toroq;

(c) li ssir *mini-roundabout* fi Triq Ġorġ Borg Olivier li tkun tippermetti aċċess għal Triq Triq Adenau mid-direzzjoni ta' Triq il-Marfa u/jew minn Triq l-Erwieħ;

(d) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq Ġnien Ingraw, bejn Triq San Luqa u Triq il-Qalb Imqaddsa, fid-direzzjoni lejn tal-aħħar;

(e) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq il-Wied, bejn Triq Ġnien Ingraw u Triq Monsinjur Indri Fenech, fid-direzzjoni lejn tal-aħħar;

(f) tiġi ntrodotta sistema ta' *one-way* fi Triq Monsinjur Indri Fenech, bejn Triq il-Wied u Triq Ġnien Ingraw, fid-direzzjoni lejn tal-aħħar;

(g) isir titjib fuq il-*junction* ta' Triq il-Marfa k/m Triq l-Erwieħ bil-għan li t-traffiku tielgħa lejn il-Mellieħa, mid-direzzjoni tas-Sellum, jiġu ggwidat lejn Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju eċċ; u

(h) jitwaħħlu tabelli u sinjali ta' direzzjoni li jindikaw Misraħ il-Parroċċa bħala parkeġġ alternattiv għall-faċilitajiet eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Marfa.". (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar (Sindku) | Patrick Cutajar (Kunsillier) |
| **Proponent** | **Sekondant** |